MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 128/2007

**Malta com plc**
**C 22334**

**Vs**

**Hilari on Aquino**
**ID 22695A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Frar, 2007, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta` seba` mija, tnejn u erbghin lira, erbatax il-centezmu (Lm742.14), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 21372521 (AC 10131880 – file ac/1067984) kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma` l-avviz Dok. IZY 1, IZY 2 u

IZY 3.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-6 ta` Lulju, 2007 meta gie pprezentat il-kapitolu ghas-subizzjoni taghha u l-anqas ghas-seduta ta` llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenuta fil-konfront tat-talba attrici kif dedotti f'dan l-avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' seba` mija, tnejn u erbghin lira, erbatax il-centezmu (Lm742.14), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------